# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2023**

**Rikors Ġuramentat numru: 111/2021 BS**

**Anthony Cini**

**-vs-**

**Victor Cini u Claudio Cini**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Anthony Cini illi ppremetta:**

1. ILLI l-attur huwa propjetarju u possessur ta' appezzament art magħruf bħala "tas-Sellum" fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex tal-kejl ta' circa erba' mija u disgħin metru kwadru (490mk) bir-raba li jiġi fin-nofsinhar u punent tagħha ikun fil-pusess jew detenzjoni tal-konvenuti, liema raba' ta' l-attur jidher markat bl-aħmar u bl-ittra B fuq il-pjanta hawn annessa Dokument 'A';

2. ILLI l-art ta' l-attur hija waħda intrakjuża u għalhekk hija aċċessibbli minn fuq beni ta' terzi u li huma fil-pusess jew detenzjoni tal-

konvenuti; dan l-aċċess jagħti għal fuq triq iż-Żebbuġ fil-punt markat bl-ittra 'X' fuq il-pjanta annessa docoment 'A';

3. ILLI fit-12 ta' Ottubru 2021 l-konvenuti għalqu l-aċċess ta' dan il-passaġġ li minnu l-attur jgħaddi għar-raba tiegħu permezz ta' kanna li tissakkar b'katnazz;

4. ILLI l-attur bgħat ittra legali lil konvenuti fejn heddidhom li jipproċedi permezz ta' kawża ta' spoll u xi jiem wara l-konvenuti neħħew il-katnazz b'mod illi l-attur seta' jerġa' jibda jidħol fir-raba tiegħu kif fil-fatt għamel għal numru ta' ġimgħat;

5. ILLI permezz ta' ittra ta' l-24 ta' Novembru 2021 l-konvenuti interpellaw lil attur sabiex ma jibqax jgħaddi minn fuq dak il-passaġġ;

6. ILLI susegwentament nhar it-8 ta' Diċembru 2021 l-konvenuti reġgħu għamlu l-katnazz fuq l-imsemmija kanna b'mod li reġgħu waqqafu lil attur minn li jgħaddi għal fuq ir-raba tiegħu minn fejn kien jgħaddi;

7. ILLI l-aġir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin li l-attur irid li jiġi spurgat minnufih b'mod illi hu jerġa' jingħata l-pusess li kellu qabel;

8. ILLI din il-kawża qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn Anthony Cini li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok għal din il-kawża.

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-konvenuti wettqu spoll vjolenti u klandestin meta għalqu l-passaġġ ta' l-attur permezz ta' kanna bil-katnazz;

2. Tordna lil konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju ta' mhux aktar minn ġimgħa jneħħu din il-kanna u katnazz;

3. Tordna illi fin-nuqqas l-attur jneħħi hu din il-kanna u katnazzz a spejjeż tal-konvenuti;

Bl-ispejjes kollha nklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji ta' l-14 ta' Ottubru 2021 u tat-2 ta' Diċembru 2021.

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tal-konvenuti Victor Cini u Claudio Cini illi eċċepew:**

1. ILLI t-talbiet atturi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi;

2. ILLI din l-azzjoi ma tistax tirnexxi peress illi ma jissustixxux l-elementi ta' spoll u ċjoè il-possidesse, spoliatum fuisse u infra bimestri deduxisse;

3. Għaldaqstant it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu inkluż dawk tal-ittra uffiċjali stante illi konvenuti ma kkommttew l-ebda spoll fil-konfront tal-atturi.

Dan kollu salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat li permezz ta nota ipprezentata fid-9 ta Marzu, 2022, l-attur iddikjara illi ghalaq il-provi tieghu.[1]

Rat li fis-seduta tal-25 ta Ottubru, 2023, il-konvenuti iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi xi jressqu.[2]

Rat ir-ritratti esebiti mill-partijiet.

Semghet ix-xhieda kollha moghtija u fliet l-atti.

[1] A fo 33 tal-process
[2] A fol 70 tal-process

Rat in-noti ta osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat.**

**Preliminari.**

Din tal-lum hija kawza ta spoll fejn l-attur Anthony Cini qed jitlob lil Qorti tiddikjara li l-konvenuti ikkommettew spoll klandestin u vjolenti meta ghamlu xatba li tinghalaq bil-katanazz u b'hekk qatghulu l-access mill-passagg li minnu kien jghaddi biex jasal fl-ghalqa tieghu li tinsab f'art maghrufa bhala "Tas-Sellum" limiti Zebbug, Ghawdex. L-attur irid ukoll li l-konvenuti jigu ordnati jnehhu din ix-xatba u jekk huma jonqsu li jaghmlu dan fiz-zmien moghti mill-Qorti allura huwa jinghata l-fakolta li jaghmel ix-xoghol mehtieg a spejjez taghhom.

Minn naha taghhom il-konvenuti jilqghu ghat-talbiet ta l-attur billi jghidu illi ma jezistux l-elementi mehtiega biex il-kawza ta spoll kif proposta mill-attur tirnexxi.

**Xhieda.**

**Evelyn Cini**, mart l-attur xehdet permezz ta affidavit[3]. Tgħid li hija sid konġunta ma' żewġha ta' għalqa fil-lokalità magħrufa bħala Tas-Sellum, Żebbuġ, fil-viċinanzi taċ-ċimiterju tal-istess raħal. L-imsemmija għalqa tikkonfina ma' raba' ieħor mad-dawra kollha tagħha iżda ma ebda triq pubblika: Triq iż-Żebbuġ u/jew Triq Tas-Sellum. L-għalqa inkwistjoni hija maqsuma fuq żewġ livelli mmarkati bl-ittri A u B fuq is-siteplan.[4]

Tgħid li l-għalqa iddevolviet fuqha b'wirt minn missierha fl-2016. Mill-2016 l-għalqa nħadmet minnha u minn żewġha billi kienu jaċċedu għaliha minn passaġġ identifikat bi vleġeġ ħomor fuq l-

[3] Fol.14.
[4] Fol.2.

istess siteplan. Il-passaġġ huwa ta' madwar tletin metru tul, jwassal għal fuq Triq iż-Żebbuġ u jiżbokka biswit iċ-ċimiterju.

Tghid ukoll li l-ġenituri taghha dejjem użaw l-istess passaġġ sabiex jaħdmu l-għalqa inkwistjoni. Huma rriferew għalih bħala 'l-intrata.' Qabilhom l-għalqa kien jaħdimha missier l-omm, Carmelo, li miet fl-1992. Anke n-nannu matern kien jagħmel użu mill-istess 'intrata.' Il-ġenituri bdew jaħdmu l-istess għalqa wara l-mewt ta' Carmelo. Tinsisti li sa minn età bikrija, kienet tmur magħhom l-għalqa.

Tissokkta li hija u żewġha dejjem għamlu użu minn dan l-istess passaġġ, kemm bir-riġlejn, b'inġenji żgħar u b'inġenji akbar. L-użu tal-passaġġ huwa evidenti minn ritratti mill-ajru li jmorru lura sal-1998.[5]

Tkompli tghid li fis-sajf tal-2021 il-konvenuti għarrfu lill-atturi li ser jgħalqu l-aċċess għax il-mogħdija tal-atturi hija minn band'oħra bla ma speċifikaw liema. L-attur oġġezzjonaw għal dan. Meta l-atturi raw l-ostakolu bil-katnazz f'Ottubru 2021, l-atturi avżaw lill-konvenuti b'ittra uffiċjali sabiex ineħħu l-katnazz. Wara jiem, il-katnazz tneħħa u l-atturi raw ix-xatba mbexxaq tant li setgħu jidħlu.[6] Iżda fid-9 ta' Diċembru 2021 l-atturi reġgħu sabu l-kanna/xatba bil-katnazz b'tali modli li ma setgħux jidħlu b'inġenji żgħar sabiex jaħdmu l-għalqa bħal dejjem. Issa sabiex wieħed jgħaddi wieħed irid jaqbeż il-kanna. Lanqas b'moħriet żgħir tal-idejn ma wieħed jista' jaċċedi għall-għalqa.

**Inkontro-eżami**[7] x-xhud tgħid li l-għalqa tafha dejjem biż-żera' tal-qamħ. Hija ilha midħla tal-inħawi minn meta kellha tnax-il sena. Ġieli kienet tmur ma' missierha u għall-għalqa ta' fuq fejn immarkati 1 u 2 kienu jgħaddu mill-għalqa tal-konvenut. Tghid li kienu jgħaddu minn mal-ħajt fejn hemm biċċa rampa bil-ħamrija minħabba li r-raba' tax-xhud huwa aktar maqtugħ 'il fuq.

Tghid li lill-konvenuti qatt ma rathom f'dawn l-inħawi. Rigward il-passaġġ tghid li dan huwa pubbliku u li ma jagħtix għar-raba' tax-xhud. Tghid ukoll li tmur sikwit fir-raba' mar-raġel tagħha.

---

[5] Fol.2 sa 5.
[6] Fol.5.
[7] Fol.135.

**In ri-eżami**[8] x-xhud tgħid li tmur darbtejn fil-ġimgħa.

---

Fl-affidavit, **James Axiaq**[9], jgħid li huwa ħu l-mara tal-attur. Għandu 34 sena. L-għalqa inkwistjoni kienet tal-ġenituri tiegħu u llum iddevolviet fuq l-attur u martu. L-għalqa ilha fil-pussess tagħhom għal dawn l-aħħar sitt snin. Ix-xhud kien imur ma' missieru fl-għalqa kif ukoll mal-attur. Huwa minn dejjem jaf li l-aċċess għal din l-għalqa kien minn passaġġ wiesgħa li jiżbokka għal fuq Triq iż-Żebbuġ. Jghid li fl-aħħar xhur tas-sena 2021 twaħħlet kanna fil-bokka tal-passaġġ fejn tmiss mat-triq. L-attur qallu li din hija msakkra b'katnazz. Illum wieħed irid jaqbeż il-kanna sabiex jidħol fil-passaġġ.

**Inkontro-eżami**[10] x-xhud jgħid li l-passaġġ huwa wiesgħa madwar metru u nofs jew tnejn. Il-kanna ġieli raha pero`lill-konvenuti qatt ma rahom f'dawk l-inħawi.

**In ri-eżami**[11] x-xhud jgħid li l-attur jiġi r-raġel t'oħtu.

---

Fl-affidavit, l-attur **Anthony Cini**,[12] jgħid li flimkien ma' martu huwa sid l-għalqa inkwistjoni indikata bl-ittri A u B.[13] L-art wiritha mingħand missier il-mara fl-2016. Minn dakinhar 'il hawn dejjem ħadimha billi daħa mill-passaġġ indikat bi vleġeġ ħomor. Jinsisti li qatt ma kien hemm xejn li jifred jew jagħlaq il-passaġġ.

Jghid ukoll li meta kien għadu ħaj missier il-mara, Michael Axiaq, kien indika lill-attur li huwa kellu dritt ta' passaġġ għall-għalqa. Michael kien ilu jaħdem l-istess għalqa sa mill-1992 wara l-mewt ta' Carmelo, missier il-mara ta' Michael. Michael qatt ma indika passaġġi oħrajn li setgħu jagħmlu użu sabiex jaslu għall-għalqa inkwistjoni u lanqas ħadd qatt żammu milli jgħaddi mill-passaġġ.

---

[8] Fol.139.
[9] Fol.21.
[10] Fol.131.
[11] Fol.133.
[12] Fol.22.
[13] Fol.2.

Jghid ukoll li Dok.TC1[14] juri ċar il-passaġġ bejn l-għalqa C u l-għalqa atturi B. Jidhru marki tar-roti ta' tractors u vetturi oħrajn li għaddew mill-passaġġ sabiex jaħdmu l-art u jinġabru l-uċuh matul is-snin. Il-marki saru mill-attur u min-nies li ħadmu l-art qablu. Evidenza oħrajn teżisti fid-dokumenti TC2 (2016), TC3 (2018) u TC4 (1998). L-aħħar tnejn huma inqas ċari iżda jindikaw l-użu ta' dan l-istess passaġġ.

Jtenni li fl-2021, il-konvenuti avżaw lill-attur u lill-martu li ser jagħlqu l-aċċess għax il-mogħdija kienet minn band'oħra bla ma indikaw fejn hi. L-attur u martu oġġezzjonaw. L-attur avża lill-konvenut b'telefonata u għarfu li m'għandux dritt li jtellfu l-aċċess. F'Ottubru 2021 il-konvenuti waħħlu kanna fil-bokka tal-passaġġ u għamlu katnazz magħha. L-attur avżahom b'ittra legali sabiex ineħħu l-ostaklu. Wara jiem il-katnazz tneħħa u raw ix-xatba mbexxqa u b'hekk setgħu jidħlu. Fid-9 ta' Diċembru 2021 il-konvenuti reġgħu żammew lill-attur u lill-martu milli jgħaddu liberament mill-passaġġ billi reġgħu sakru ix-xatba.

**Inkontro-eżami**[15] l-attur jgħid li missier il-mara kien indikalu l-passaġġ li jgħaddi minnu bir-riġel u bil-moħriet. Ilu f'dan ir-raba' mill-2016. Ir-raba' jaħdmu u jagħmlu diversi wċuħ differenti. Fis-sajf jidħol bit-tractor. Il-konvenuti talbuh prova bil-miktub dwar id-dritt ta' passaġġ u ma weġibhomx.

Jghid li ma hux imur fir-raba' iżda qabel kien imur regolarment. Imur meta jkun hemm bżonn jew sabiex jgħaddi l-wiċċ, jaħrat jew jiżra.

Huwa tkellem mal-konvenuti u qalulu li ser jagħmlu l-kanna għax il-passaġġ mhux minn hemmhekk imma minn band'oħra.

---

Ursola Agius permezz ta affidavit[16] tgħid li hija tippossedi l-għalqa mmarkata X fid-dokument A.[17] Din tinsab fit-triq prinċipali li tieħu għar-raħal taż-Żebbuġ. L-art kienet taħdimha flimkien ma' żewġha, illum mejjet. Illum tinħadem minn uliedha. Kultant tittawwal lejn l-art.

[14] Fol.24.
[15] Fol.92.
[16] Fol.28.
[17] Fol.29.

Tghid li l-attur jaħdem r-raba′ immarkat Y u Z fl-istess dokument. Qabel kien jinħadem minn Michael Axiaq, illum mejjet, u qablu Carmelo Camilleri. Ħadd qatt minn dawn qatt ma għaddew minn fuq ir-raba′ tax-xhud sabiex jaċċedi għal Y u Z iżda dejjem għaddew mill-passaġġ immarkati bil-vleġeġ ħomor. L-art tax-xhud hija mdawwra in parti bil-ħitan u in parti bil-ġebel.

**Inkontro-eżami**[18], murija d-dokument a fol.29, ix-xhud ma tafx min jaħdem l-għalqa mmarkata B. Lanqas ma taf min jaħdem dik immarkata Y u Z.

Tghid li l-passaġġ huwa magħruf bħala l-Intrata Tas-Sellum. Wiesgħa madwar żewġ metri. Ir-raba′ tax-xhud hija mifruda b′ħajt minn mar-raba′ tal-attur. Hemm parti miftuħa. Hemm xatba.

**Inri-eżami**[19] x-xhud tgħid li l-passaġġ għandu forma ta′ triq. Il-passaġġ ma jwassalx sar-raba′ ta′ Cini. Ġo tagħha m′hemmx passaġġ lanqas minn ġo tagħha għal ta′ ġo Cini. Il-passaġġ qiegħed taħt l-għalqa tagħha. Mill-passaġġ kienu jidħlu Karmnu Camilleri u Michael Axiaq.

---

**Ewkaristika Axiaq**[20] tgħid li hija omm l-attur. L-għalqa inkwistjoni ġiet għandha u żewġha b′att ta′ bejgħ mingħand is-sid snin wara li miet missierha. Wara li miet żewġha l-art intirtet minn bintha, Evelyn, mart l-attur.

Hija dejjem tiftakar tidħol għall-għalqa inkwistjoni minn passaġġ immarkat bi vleġeġ ħomor fuq id-dokument X.[21] Hija kienet tmur kemm-il darba f′din l-għalqa, kemm fi żmien missierha u kemm fi żmien żewġha, u dejjem daħlet minn dan il-passaġġ għall-għalqa. Anke l-attur dejjem daħal minn dan il-passaġġ.

Dejjem tiftakar il-passaġġ liberu bla ebda ostaklu. Tghid li f′dawn l-aħħar xhur xi ħadd waħħal kanna li tissakkar b′katnazz. Tikkonferma s-sitwazzjoni preżenti kif muri fir-ritratt Dok Y[22] meħud mill-attur inniffsu. Ix-xhud tgħid li dejjem tiftakar jidħlu

[18] Fol.141.
[19] Fol.146.
[20] Fol.30.
[21] Fol.31.
[22] Fol.32.

bil-moħriet f'din l-art: fis-sajf bit-tractor. Illum wieħed irid jaqbeż il-kanna sabiex jidħol mill-passaġġ.

**Inkontro-eżami**[23] x-xhud tgħid li r-raba' tagħha m'għandux faċċata għat-triq. Murija r-ritratt a fol.31 ix-xhud tgħid li qatt ma kienet taf b'passaġġi oħrajn.

Tghid li lill-konvenut qatt ma ratu jaħdem ir-raba' tiegħu. Ir-raba' tax-xhud kien jaħdmu missierha u wara hija flimkien ma' żewġha. F'ħamsin sena ħadd qatt ma kellimhom hadd dwar dritt ta' passaġġ.

Il-**konvenut,** ukoll xehed permezz ta affidavit[24]. Huwa jgħid li ilu jmur fl-għalqa mertu ta' din il-kawża madwar sittin sena. Ir-raba' kien bi qbiela fuq isem zijuh Wiġi u wara fuq iz-zija Marija. Huwa kien imur jaħdem l-għalqa ma' zitu. Meta żżewweġ lill-konvenuta kienu jmorru flimkien jaħdmu l-għalqa. Zitu dawret ir-raba' fuq isem il-konvenut fl-1988 u beda jħallas il-qbiela l-konvenut.

Zitu dejjem kienet tgħid u tisħaq li ħadd m'għandu dritt jgħaddi minn fuq ir-raba'. Il-mogħdija tal-konvenuti kienet minn Triq is-Sellum u magħrufa bħala l-intrata Tas-Sellum. (Dok.VC1 indikat bl-aħmar) Il-konventi bdew jidħlu għall-għalqa mit-triq minħabba li tmiss mat-triq. Iz-zijiet tal-konvenut dejjem għaddew mill-intrata Tas-Sellum.

Il-konvenut qatt ma ra lil ħadd dieħel fuq ir-raba' tagħhom inkluż l-attur. Ġie li ra lil Marija u lil Karmenu Camilleri jgħaddu minn fuq l-għalqa ta' Ursola Agius. (Dok.VC2 indikata bl-isfar) Is-sinjali vjola juri minfejn kienu jgħaddu Camilleri. Is-sinjali suwed juru minfejn ġieli għaddew ukoll.

L-attur u l-familjari tiegħu dejjem għaddew għall-għalqa mill-intrata Tas-Sellum. Ġieli li għaddew anke minn fuq l-għalqa ta' Ursola Agius iżda qatt mill-għalqa tal-konvenuti. Il-konvenut kemm-il darba ra lin-nanniet ta' mart l-attur jgħaddu mill-passaġġ immarkat bil-vjola fuq dok.VC2. Ursola Agius qatt ma kienet tkun fir-raba'.

---

[23] Fol.98.
[24] Fol.37.

Dokti VC3 sa VC7 huma ritratti mill-ajru meħudin mill-websajt tal-AP 1998, 2008, 2012, 2016 u 2018 rispettivament. Ma jidhirx li hemm passaġġ. Dok.VC6 juri li għadda xi ħadd meta dakinhar kien għadda wieħed minn Għajnsielem. Kien kellmu iben il-konvenut, Claudio, sabiex ma jerġax jgħaddi minn hemm.

Meta mietu n-nanniet ta' mart l-attur, il-konvenuti qatt ma raw lil ħadd jaħdem l-għalqa tal-attur. Għalhekk ma jistax jifhem kif ivvinta li l-attur għandu dritt ta' passaġġ.

L-intrata proprja hija dik immarkata bl-aħmar fuq Dok.VC1 għax tiġi eżatt għall-għalqa tal-attur u mhux kif immarkat mart l-attur fuq ir-ritratt anness mal-affidavit tagħha.

Il-marki tar-roti tat-tractors u vetturi oħrajn imsemmijin mill-attur huma proprju l-marki tal-vetturi li daħlu l-konvenuti sabiex jaħdmu l-wiċċ tar-raba' tagħhom.

Il-konvenuti kienu iddeċidew jagħmlu xatba fid-daħla tal-għalqa tagħhom. L-attur kien ilmenta magħhom sabiex ineħħu x-xatba minkejja li ma kinux jgħaddu minn fuq ir-raba' konvenuti u anqas kellhom dritt jgħaddu.

**Inkontro-eżami**[25] l-konvenut jgħid li fl-aħħar snin ir-raba' kien jinħadem żergħa. La hu u lanqas ibnu ma għandhom bhejjem. Lanqas tractor ma għandhom. Ma jafx min jaħratha għax huwa ħalla r-raba' lil ibnu. Huwa għandu raba' ieħor li jaħdmu huwa stess u mhux ibnu peress li dan jinsab fil-qrib.

Jghid li jaħseb li x-xatba saret is-Sajf ta' qabel u saret mit-tifel. Saret wara li huwa ftiehem mat-tifel u għamluha flimkien. Ix-xatba saret għax kien hemm il-ħajt tal-kantun u kienu jeħduh. Dan ġara xi darbtejn jew tliet darbiet. Ix-xatba saret għax ħadd m'għandu dritt jgħaddi minn hemm. Iz-zijiet kienu jgħidulu li għandu jerġa jpoġġi l-kantun jekk ineħħih għax minn hemm hekk ħadd m'għandu jgħaddi minn fuqhom. Il-konvenut flimkien ma' ibnu qalu lill-attur fejn kienu ser jagħmlu x-xatba.

Jtenni li qatt ma ra lill-attur, lil martu u lanqas lil Ursola Agius fir-raba'. Huwa ma jmurx ir-raba' iżda jgħaddi minn hemm.

---

[25] Fol.76.

**In ri-eżami**[26] l-konvenut jgħid li kien ilu jmur fl-għalqa madwar sittin sena. Il-kantuni li kienu jitneħħew kienu jagħlqu l-art bihom. Ix-xatba qiegħda hemm flok il-kantuni.

**Claudio Cini**,[27] jgħid li huwa jieħu ħsieb ir-raba′ mertu ta′ din il-kawża fuq struzzjonijiet tal-ġenituri tiegħu. Kien ilu jmur fl-għalqa minn meta kien żgħir għax il-ġenituri tiegħu kienu jeħduh magħhom sabiex jaqtgħu l-wiċċ. Illum għandu 44 sena.

Jtenni li huwa beda jieħu ħsieb l-għalqa madwar għaxar snin ilu. Ma jidħolx spiss fl-għalqa iżda jgħaddi minn hemm kuljum u ġieli jieqaf jara l-wiċċ tar-raba′ minħabba li l-għalqa qiegħda mat-triq. Huwa jgħid li qatt ma ra lil ħadd f′dawn l-għelieqi indikati mill-attur immarkati A u B f′Dok.TC1 mill-attur iżda biswit l-għalqa konvenuti mmarkata b′kulur roża f′Dok.CC1.

**Inkontro-eżami**[28] x-xhud jgħid li l-għalqa fiha ħdax-il siegħ. Matul l-għaxar snin li ilu jieħu ħsiebha dejjem għamilha żergħa, jaħdimha flimkien ma′ Mario Saliba u dan ta l-ahhar jagħmel ix-xogħol kollu li hemm bżonn.

Jghid li huwa qatt ma ltaqa′ mal-attur f′dawk l-inħawi. Beda jiltaqa′ miegħu minn meta seħħ il-każ ′il hawn. L-entratura ngħalqet issa x′ħin kienu jneħħu l-ġebel tal-passaġġ wara l-inċident tat-trakk tal-ġebel tas-sejjieħ. It-trakk minn hemm daħal. Qabel l-entratura kienet tingħalaq bil-kantun imiss ma′ kantun. Sitta b′kollox. Sabiex jidħol kien ineħħi l-kantuni u jerġa′ ipoġġihom lura f′posthom. Jghid li hemmhekk m′hemmx passaġġi. Fir-ritratt mill-ajru a fol.16 il-passaġġ huwa temporanju ta′ kull sena sabiex tinħasad iż-żergħa. Kull sena jkun hemm il-marki tat-tractor.

Jinsisti li darba huwa flimkien ma missieru u l-attur iltaqgħu u tkellmu flimkien. Ix-xhud qal lill-attur li kien ser jagħmel xatba filwaqt li wrih fejn. L-attur ċempillu u qallu li hemmhekk għandu dritt jgħaddi. Ix-xhud talbu jġib id-dokumenti.

**In ri-eżami**[29] x-xhud jispjega li meta qal li t-tractor daħal minn hemmhekk bilfors għax ġol-għalqa konvenuti hemm il-ġebel. Minn

[26] Fol.78.
[27] Fol.47.
[28] Fol.80.
[29] Fol.83.

hemm irbula t-trakk tal-ġebel minn ġo tal-konvenuti għal ġo tal-attur.

---

Fl-affidavit tagħha il-konvenuta **Rita Cini**,[30] tgħid li minn meta żżewġet lill-konvenut hija qatt ma rat lil xi ħadd jgħaddi minn ġol-għalqa tal-konvenuti. Hija u żewġha kienu jaraw lin-nanniet ta' mart l-attur fl-għalqa tagħhom li llum qiegħda f'idejn l-attur. L-intrata proprju għall-għalqa attur hija mmarkat bl-aħmar fuq Dok.RC1 imsejjħa bħala l-Intrata Tas-Sellum u mhux kif indikat mart l-attur, Evelyn Cini. Iz-zijiet tal-konvenut dejjem kienu jgħaddu minn din l-intrata. Il-konvenuti ġie li daħlu mit-triq għall-għalqa tagħhom minħabba li din tmiss mat-triq.

Tghid li huma ġieli raw lil Marija u Karmenu Camilleri għaddejjin ukoll mill-entratura Tas-Sellum. Imbagħad flok jibqgħu telgħin kienu jiksru għal fuq l-għalqa ta' Ursola Agius immarkata bl-isfar fuq Dok.RC2. Tispjega li l-kulur vjola juri l-mogħdija minfejn kienu jgħaddu n-nanniet ta' mart l-attur għall-għalqa tagħhom u bil-kulur iswed kif ġieli kisru għal ġo l-għalqa ta' Ursola Agius.

Il-konvenuta tisħaq li r-raba' tal-konvenuti m'għandu l-ebda passaġġ għaddej minnu kif juru s-sett ta' ritratti mmarkati Dok.RC3 sa RC7 li juru r-raba' jinħadem sa barra. Id-Dok.RC8 huwa dokument li l-għalqa konvenuti tikkonfina mit-Tramuntana mal-Intrata tas-Sellum. Il-proprjetà tal-attur ukoll tmiss ma' din l-intrata u fil-fatt id-dritt ta' mogħdija tagħhom huwa minn hemm.

Tispjega li l-attur u l-familjari tiegħu kienu lmentaw mal-konvenuti dwar il-preżenza tax-xatba allavolja ma kellhom ebda dritt jgħaddu minn hemm. Huma riedu sempliċement li jkollhom il-possibilità li jgħaddu minn hemm.

Il-konvenuta tiċħad il-kontenut tal-affidavit ta' Ursola Agius li hija relatata minn mart l-attur. Tinsisti li Agius jaqbel lilha li tgħid illi l-passaġġ tal-attur huwa minn fuq tal-konvenuti biex żgur ma jgħaddux minn fuq ir-raba' tagħha.

[30] Fol.49.

**Inkontro-eżami**[31] l-konvenuta tgħid li r-raba' dejjem inħadem żergħa. Hija tinsisti li l-passaġġ tal-attur huwa minn band'oħra. Tghid li mill-passaġġ, illum magħluq bil-kanna, hadd m'għandu dritt li jgħaddi u li qabel hemm kien ikun magħluq biċ-ċnagen.

Tinsisti li lil attur qatt ma ratu f'dawk l-inħawi.

**Arthur Bajada**[32] bħala rappreżentant tal-Agriculture and Rural Payments jippreżenta x-xhieda tiegħu bil-miktub li turi li l-konvenut Victor Cini jiehu sussidju fuq ir-raba tas-sellum, limiti Zebbug, Ghawdex. Dan ix-xhud jaghti informazzjoni dwar kif tahdem is-sistema ta sussidju ghal bdiewa.

---

Fl-affidavit, **Mario Saliba**,[33] jgħid li ilu jaf lil Claudio Cini numru twil ta' snin u li madwar ħames snin ilu Cini qallu li l-ġenituri tiegħu qalulu sabiex ikompli jieħu ħsieb ir-raba' magħruf bħala Raba' Tas-Sellum limiti Żebbuġ. Minn dakinhar ġieli mar ma' Cini fir-raba'. Ix-xhud ġieli ħarat ir-raba' waħdu, żaragħha, bexx, ħasadha u jiġborha. Jghid li f'dawn is-snin li ilu jaħdem din l-għalqa, ix-xhud qatt ma ra lil xi ħadd jgħaddi minn fuq ir-raba' inkluż lill-attur u l-familjari tiegħu.

**Inkontro-eżami**[34] x-xhud jgħid li huwa bidwi *full time*. Għandu numru ta' baqar. F'dawn l-aħħar snin ħadem ir-raba' inkwistjoni u għamlu żergħa. Huwa jagħmel ix-xogħol kollu konness mal-wiċċ. Huwa jieħu nofs il-wiċċ kif miftihem ma' Claudio.

Jghid ukoll li Bit-tractor ma tistax tifforma passaġġi jekk ikun hemm ir-romblu. Marki ta' roti m'hemmx. Huwa mit-triq jidħol bit-tractor. Illum il-kanna miftuħa mingħajr katnazz. L-aħħar li mar kien madwar xahar ilu. Ma jafx minn seta' fetaħha.

---

[31] Fol.110.
[32] Fol.64.
[33] Fol.67.
[34] Fol.104.

**ID-DRITT.**

L-*actio spolii,* bhal ma' hija din l-azzjoni tal-lum kif ittentata mill-attur, hija regolata mill-Artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, li jaqra:

> **535.** *(1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.*

Minn dan l-artikolu jirrizultaw l-elementi essenzjali sabiex attur jirnexxi f'azzjoni ta' spoll.

Dawn l-elementi huma tlieta:

i. li huwa ntavola l-kawza ta' spoll fi zmien xahrejn mill-jum li fih sar l-att spoljattiv allegat minnhu - *infra bimester deduxisse;*
ii. li huwa kien jipposjedi l-oggett in mertu b'pussess ta' kwalunkwe' xorta jew b'detenzjoni - *possedisse;* u
iii. li huwa gie spoljat minn dak il-pussess jew detenzjoni - *spoliatum fuisse.*

Rigward l-istharrig li ghandha taghmel il-qorti f'kawza bhal dik tal-lum inghad illi *Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna"*[35]

[35] Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et, Prim Awla, deciza fit-12 ta' Gunju 1998

**Azzjoni fi zmien xahrejn.**

Din il-Qorti ser tibda mill-ewwel element u cioe ser tindaga u tara jekk l-azzjoni ta l-attur gietx intavolata entro it-terminu ta xahrejn minn meta sehh l-att spoljattiv. Jekk jirrizulta li l-azzjoni ma giex intavolata f'dak it-terminu allura l-Qorti tkun kostretta tieqaf hawn u l-azzjoni ta l-attur tfalli. Inghad infatti illi *il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħija tal-effetti tal-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza [P.A. NC 13.2.2004 fil-kawża fl-ismijiet Alfred P. Farruġia et ne vs Peter Paul Cutajar]. Bħal kull wieħed ieħor mill-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jigi pruvat mill-attur. Iżda meta l-kwestjoni taż-żmien tittella' mill-imħarrek bis-saħħa ta' eccezzjoni, allura l-prova li l-azzjoni ta' spoll privileggat saret barra żmienha taqa' fuq l-istess imħarrek, kif jipprovdi l-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [App. Ċiv. 18.6.1993 fil-kawża fl-ismijiet N. Vassallo vs F. Esposito (mhux pubblikata) u App. Ċiv. 31.1.2003 fil-kawża fl-ismijiet Rita Micallef et vs Paul Galea et];'*[36]

Fil-kawza odjerna l-konvenuti jargumentaw illi t-terminu ta xahrejn, li huwa terminu ta dekadenza, lanqas biss skatta billi huma ma ikkommettew l-ebda att spoljattiv.

Il-Qorti izda fliet ix-xhieda moghtija u jirrizulta, li l-konvenuti wahhlu xatba fit-12 ta' Ottubru 2021. Dak inhar ghamlu katnazz u l-attur billi ma setax jghaddi baghtilhom ittra bl-avukat. Rizultat ta l-ittra l-konvenuti nehhew il-katnazz u l-attur setgha jerga jghaddi mill-passagg sakemm fid-9 ta Dicembru, 2021 l-konvenut Claudio Cini rega wahhal il-katnazz max-xatba[37]. Ghalhekk billi l-kawza gietipprezentata fl-10 ta Dicembru, 2021 u fid-dawl li l-konvenuti ma kkontestax dawn id-dati, l-Qorti tqis illi l-azzjoni ta spoll giet imressqa entro it-termini ta xahrejn impost bil-ligi.

---

[36] Philip Gatt vs John Mary Vassallo, Prim Awla, deciza fit-8 ta' Marzu,2005
[37] Affidavit ta l-attur a fol 23 tal-process

**Il-Pussess.**

Imiss issa li din il-Qorti fl-ewwel lok tevalwa l-fatti sabiex jigi determinat jekk effettivament l-attur kellux pussess tal-passagg meta sehh l-att spoljattiv. Rigward l-element tal-pussess din il-Qorti taghmilha cara li fl-ambitu ta' kaz ta' spoll mhux il-kompitu taghha li tiddeciedi jekk mil-lat kuntrattwali l-attur ghandux jedd jew le ghal dritt ta' passagg fuq l-ghalqa tal-konvenut. Dan ghaliex semplici pussess jew detenzjoni tal-oggett spoljat jista' jwassal ghas-success ta' kawza ta' spoll indipendentement mill-jeddijiet kuntrattwali tal-partijiet fuq l-oggett in kwistjoni.

Minn naha tieghu l-attur irid juri li huwa kien fil-pussess tal-passagg imqar materjali jew ta' fatt. Dan il-pussess irid ikun fid-deher, ukoll jekk ikun għal zmien qasir anke jekk momentarju izda l-pussess ma jistax ikun wiehed ekwivoku. Huwa stabbilit ukoll li azzjoni ta spoll thares il-pussess ta' ezercizzju ta' dritt. B'mod partikolari, jista' jkun il-kaz fejn persuna jkollha pussess jew detenzjoni ta' jedd mahluq minn stat ta' fatt.

Rigward il-pussess ta passagg inghad illi *"biex il-gabillott jirnexxi fl-azzjoni ta' spoll minnhu ntentata biex jigi reintegrat fil-pussess ta' passagg li fih jippretendi li gie turbat, jehtieglu jipprova li huwa ghandu l-pussess jew kwazi pussess esklussiv tal-passagg, u mhux bizzejjed li juri li ghandu biss id-dritt li jghaddi mill-passagg."*[38]

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li intqal fil-konfront tal-principju tal-mera tolleranza - *jemana mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 563 (illum 526) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid li 'l-atti li huma biss fakoltattivi jew li jitħallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistgħux jiswew ta' bażi għall-ksib tal-pussess'. Il-leġislatur kien qiegħed deliberatament jirreferi għal kwalunkwe pussess u mhux għal pussess leġittimu, meta qal li l-attijiet ta' tolleranza ma joħolqux il-pussess. Sir*

[38] Giuseppe Cassar et vs Paolo Cassar et, Appell, deciz 11 ta Marzu, 1955.

*Adrian Dingli fin-notamenti tiegħu għall-artikolu in kwistjoni (allura numru 221 tal-Ordinanza VII tal-1868) kien osserva 'ho soppresso la parola 'legittimo' perche' secondo la mia definizione questi atti non danno luogo ad alcun possesso propriamente ditto."*[39]

Imiss ghalhekk li issa jigi kkunsidrat jekk l-attur kellux il-pussess tal-passagg in kwistjoni. Mix-xhieda mressqa mill-attur dawn kienu konsistenti fix-xhieda taghhom f'li kollha affermaw illi l-passagg mertu tal-kawza huwa l-passagg li dejjem intuza biex ir-raba in kwistjoni setghet tigi milhuqa minnhom. Jispjegaw illi din r-raba hija interkjuza u l-uniku access ghaliha huwa mill-passagg *de quo*. Jghidu li din l-ghalqa tinzera u li l-attur u martu jmorru fiha ta spiss.

Il-konvenuti minn naha taghha jirribattu dan l-argument u jsostnu li hemm passagg iehor alternattiv li jista jintuza mill-attur. Jghidu wkoll li l-persuni li xehedu ghal attur huma kollha qraba tieghu. Rigward ix-xhud Ursola Agius jghidu li din xehdet illi il-passagg in kwistjoni huwa l-uniku passagg billi hekk jaqbel lilha sabiex Tevita li l-attur jghaddi minn fuq l-art taghha.

Konfrontata b'verzjonijiet dijametrikament opposti l-Qorti tqis li l-ahjar prova fl-atti huma r-ritratti mill-ajru billi dawn jaghtu stampa oggettiva tal-fatti kif inhuma.

Tosserva li ghalkemm il-konvenuti jishqu qatiegh illi qatt ma kien hemm passagg fuq l-art taghhom ir-ritratti mill-ajru juru xort'ohra. Il-Qorti fliet bir-reqqa dawn ir-ritratti u hija konvinta li l-verzjoni moghtija mill-konvenuti ma ghandhiex mis-sewwa. Il-passagg jidher sewwa fuq kull ritratt, anke fuq il-pjanta annessa mall-kuntratt ta akkwist ta l-art in kwistjoni.[40] Apparti dan kollu l-Qorti tqis ukoll li ma ngabet ebda prova kuntrarja illi ixxejjen l-argument

[39] Savior Fenech et vs Alfred Mifsud et, Prim Awla, deciza 8 ta Lulju, 2015
[40] A fol 126 tal-process

ta l-attur illi huwa effettivament kien jghaddi minn dan il-passagg biex jasal ghal eghlieqi tieghu qabel ma saret ix-xatba bil-katnazz. L-argument tal-konvenuti illi l-attur ghandu passagg iehor minn fejn jista jghaddi ma jnaqqas xejn mill-fatt illi mill-provi jirrizulta li l-attur ghandu pussess tal-passagg mertu tal-kawza odjerna. Tant hu hekk li ghadda minn dan il-passagg bit-trakk qabelma l-konvenuti iddecidew illi jwahhlu l-kanna cum xatba. Il-Qorti tosserva wkoll li meta accediet fuq il-post u giet murija mill-konvenuti l-passagg li skond huma l-attur jghaddi minnu, setghet tinnota li jidher car mill-haxix niexef li kien hemm li fejn kienu qed jindikaw il-konvenuti ma kienx passagg. Di piu` minhabba id-dizlivell bejn l-ghelieqi ma hux possibbli li l-attur jghaddi minn fejn jallegaw huma, altrimenti biex jasla fl-ghalqa tieghu l-attur jkollu jaqbez il-hitan. Il-konvenuti anke jittentaw l-argument illi l-attur jghaddi minn fuq l-art ta Ursola Agius biex jasal ghal ghalqa tieghu. Dan l-argument izda jfalli tenut kont tal-fatt illi l-art ta Agius tirrizulta interkuza bl-ebda passagg ma hu ghaddej minn go fiha - dan kollu jidher car mir-ritratti mehudin mill-ajru.

Barra minn dan kollu tosserva wkoll il-konvenuti ma ressqu l-ebda prova li turi li l-pussess ta l-attur tal-passagg in kwistjoni kien biss b'mera tolleranza.

Fid-dawl ta dawn il-fatti l-Qorti tqis li l-element ta pussess gie sodisfatt ukoll.

**Att Spoljattiv**

Rigward dan l-element gie ritenut illi *"Hemm certi rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex tkun tista' tigi ezercitata l-azzjoni ta' spoll, fosthom li l-ispoll isir bil-vjolenza jew bil-mohbi u min jikkometti l-ispoll ikollu l-intenzjoni li jippriva lill-pussessur jew detentur tal-haga mobbli jew immobbli mill-pussess jew detenzjoni li huwa jgawdi."*[41]

[41] Joseph Baldacchino vs. Emanuel Falzon Fava , Appell, deciza fit-22 ta' April, 1988.

Inghad ukoll illi "*.... huwa mehtieg li jintwera li l-ghamil spoljattiv ikun wiehed arbitrarju u maghmul kontra r-rieda tal-possessur b'mod li jista' jaghti lok ghal azzjoni ta' danni kontra min ikun wettqu. Huwa wkoll mahsub li l-ghamil irid ikun wiehed vjolenti jew imqar mistur ghall-gharfien tal-persuna li kellha l-pussess.*[42]

Rigward dan l-element il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li gie sodisfatt ukoll billi minn analizi tal-provi mressqa, sewwasew ix-xhieda moghtija mill-konvenut Victor Cini dan jafferma illi x-xatba ossia kanna illi twahhlet tul il-wisgha tal-passagg biex imblukkat l-entratura ghal tali passagg saret min ibnu stess bl-intenzjoni cara li ma jhallix lill-attur jghaddi mill-passagg. Kif gia inghad l-argument illi l-attur ghandu passagg iehor li jista jaghmel uzu minnu ma jnaqqas xejn mill-att spoljattiv.[43]

Lanqas ma jregi l-argument illi l-attur jista xorta wahda jghaddi anke bix-xatba kif inhi imsakkra billi l-qrati nostrani stabbilew illi ma hemmx ghalfejn ikun hemm il-privazzjoni totali tal-haga. Bizzejjed jekk bl-att spoljattiv ikun hemm xkiel jew tnaqqir tal-pussess.[44]

Ghalhekk tenut kont ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha l-Qorti tqis li l-attur irexxielu jissodisfa l-elementi kollha mehtiega sabiex il-kawza tieghu tirnexxi u ghalhekk ser tghaddi biex tilqa t-talbiet tieghu.

**Decide.**

Ghaldaqstant in vista tal-premess u ghar-raginijiet kollha gia moghtija l-Qorti, qed taqta u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mill-

---

[42] Filomena Ellul vs Carmel sive Charles Ellul, Prim Awla , deciza fit-23 ta Jannar, 2003.

[43] Phi;ip Gatt et vs Mario Cini et, Prim Awla, deciza fl-4 ta Frar 2003
[44] Salvu Sammut vs Francis Farrugia, Appell, deciz fl-20 ta Gunju, 2005

eccezzjoniijiet imressqa mill-konvenut konformement ma' dak hawn deciz;

i) Tilqa l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenuti wettqu spoll vjolenti u klandestin meta għalqu l-passaġġ ta′ l-attur permezz ta′ kanna bil-katnazz;

ii) Tilqa t-tieni talba u tordna lil konvenuti sabiex fi żmien gimgha jneħħu din il-kanna u katnazz;

i) Tilqa t-tielet talba u tordna li jekk il-konvenuti jonqsu mill-jnehhu l-kanna u l-katnazz fi zmien moghti lilhom, l-attur jnehhihom hu a spejjez taghhom.

Bl-ispejjez kollha jkunu a karigu tal-konvenuti in solidum.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur